MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 20/2005

**L-Avukat Dottor Luigi A. Sansone bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera ICOS Corporation ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika**

**vs**

**Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' l-appell tar-rikorrenti *nomine* pprezentat fit-23 ta' Gunju 2005 wara d-Decizjoni tal-Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali tal-11 ta' Jannar 2005 fir-rigward ta' l-applikazzjoni ghar-registrazzjoni mad-Direttorat ghar-Registrazzjoni tal-Proprjeta` Industrijali, ta' "Supplementary Protection Certificate" dwar privattiva [numru ta' applikazzjoni SPC 2/2004 (PAT/1201)];

Rat in-noti tal-Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali u tar-rikorrenti *nomine* intavolati fis-7 ta' Dicembru 2005;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-appellant *nomine* ipprezentata fl-1 ta' Marzu 2006;

Semghet it-trattazzjoni ta' l-appell;

Rat l-atti kollha;

Ikkonsidrat:

Bl-appell introdott minnu, l-Avukat Dottor Luigi A. Sansone, in veste ta' mandatarju tas-socjeta` estera ICOS Corporation ta' l-Amerika, jissottometti li hu hassu aggravat bid-decizjoni tal-Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali li ma laqax l-applikazzjoni tieghu ghar-registrazzjoni ta' "Supplementary Protection Certificate" fir-rigward tal-privattiva Numru ta' Applikazzjoni SPC 2/2004 (PAT/1201). In succint, huwa jadduci b' aggravju illi ghall-kaz kellu japplika ghal dak li hu terminu ghal prezentata ta' applikazzjoni bhal din id-dispost ta' l-Artikolu 19a (g) ta' l-EU Council Regulation EEC Numru 1768/92 in kwantu dan kien jipprevali fuq l-Avviz Legali Numru 261 ta' l-2002;

Mill-atti tal-kaz huwa evidentement distingwibbli illi l-kontestazzjoni bejn il-kontendenti taggira dwar il-*punctum temporis* ta' meta kellha ssir l-applikazzjoni mill-appellanti *nomine*. Hekk mentri ghall-appellanti *nomine* dan it-terminu – wiehed ta' sitt xhur – kellu jibda jiddekorri mid-data ta' l-1 ta' Mejju 2004, jigifieri minn meta Malta saret membru effettiv ta' l-Unjoni Ewropeja, inversament, skond il-Kontrollur appellat, dak it-terminu kien beda jghaddi mill-1 ta' Jannar 2003, kif preskritt fl-Artikolu 15 ta' l-Avviz Legali 261/2002, kontenenti regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-Artikolu 59 ta' l-Att dwar il-Privattiva (Kapitolu 417). Ara ittra ta' l-Industrial Property Office tal-11 ta' Jannar 2005;

Stharrig ta’ din il-*vexata quaestio* jinnecessita qabel xejn li jigu hawn riprodotti d-disposizzjonijiet rilevanti dwar liema accennew il-kontendenti fis-sottomissjonijiet taghhom:-

1. Artikolu 7 (1) tal-Council Regulation Numru 1768/92 rigwardanti “Supplementary Protection Certificates” ghall-prodotti medicinali jipprovdi testwalment illi “***The application for a certificate shall be lodged within six months of the date on which the authorisation referred to in article 3 (b) to place the product on the market as a medicinal product was granted***”;

2. Regolament 4 (2) ta’ l-Avviz Legali Numru 261/2002 jiddisponi li “**l-applikazzjoni ghal tali certifikat (Supplementary Protection Certificate) ghandha tigi prezentata fi zmien sitt xhur mid-data meta tkun inghatat l-awtorizzazzjoni ghat-tqeghid fis-suq**”. Skond id-dispost transitorju stabbilit f’ Regolament 15 iz-zmien imsemmi fil-precitat Regolament 4 (2) beda jghaddi mill-jum tal-bidu tas-sehh tar-Regolamenti, u cjoe, mill-1 ta’ Jannar 2003. Ara Regolament 1 (2) ta’ l-Avviz Legali;

3. Artikolu 19a (g) ta’ l-Att “*concerning the conditions of accession*” ta’ l-istati godda fl-Unjoni Ewropeja, senjatament l-“Adaptations to Acts Adopted by the Institutions”, illi fil-kaz ta’ Malta, dejjem in riferenza ghas-“Supplementary Protection Certificates”, “***in cases where the period provided for in Article 7 (1) has expired, the possibility of applying for a certificate shall be open for a period of six months starting no later than the date of accession***”;

4. Hu statwit bl-Artikolu 249 tat-Trattat ta’ l-Unjoni Ewropeja li regolament taghha “***shall have general application***” u “***it shall be binding in its entirety and directly applicable in all Members states***”;

Premessi dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi komunitarja u dik domestika, opportunement il-Qorti jidhrilha li, b’

introduzzjoni ghat-tematika involuta, ghandha taghmel ir-riflessjonijiet li jsegwu:-

1. *Qua* fonti tad-dritt komunitarju vinkolanti, ir-Regolamenti ta' l-EEC Nrumu 1768/92 jipprevalu fuq dawk tad-dritt domestiku taghna;

2. In kwantu tali, huma direttament applikabbli u produttivi ta' effetti guridici fl-ordinament nazzjonali ta' pajjizna bhala stat membru ta' l-Unjoni Ewropeja. Tali effikacja guridika hi rikonoxxuta lilhom ex-Artikolu 249 tat-Trattat surreferit. Jikkonsegwi li dawn ir-Regolamenti jikkrejaw, b' effett dirett, drittijiet u obbligi, anke minghajr l-intermedjazzjoni ta' atti normattivi mil-legislatur Malti;

3. Huma ghalhekk normi imperattivi li jimponu ruhhom fuq il-Qrati taghna daqs li kieku kienu jifformaw parti mid-dritt intern. Li jfisser allura li dawk ir-Regolamenti jitqiesu assimilati ghan-normi tal-*lex fori* taghna u allura l-Qrati huma mistennija li japplikawhom;

4. Minhabba din il-forza imperattiva, fl-assenza ta' xi deroga specjali, il-ligijiet jew regolamenti lokali ma jistghux jidderogaw ghall-principji tad-dritt komunitarju;

Issa minn dak kaptat minn Nota ta' sottomissjonijiet ta' l-appellanti quddiem din il-Qorti, bazikament l-argument kollu tieghu, meta distillat, jikkonsisti f' dan:- Accettat li l-Avviz Legali numru 261/2002 gie promulgat biex l-istat Malti jadempixxi ghall-obbligi ta' konformita` mal-*corpus iuris* ta' l-Unjoni Ewropeja, l-Awtoritajiet Maltin kompetenti kien messhom, bhal uhud mill-istati membri godda, gibdu l-attenzjoni ta' l-Awtoritajiet ta' dik l-Unjoni sabiex l-Artikolu 19a (g) jigi mfassal b' mod li jinkorpora fih referenza ghall-fatt illi, fil-kaz ta' pajjizna, il-perijodu ta' sitt xhur kien gja spicca. L-appellanti *nomine* jissokta jarguwixxi illi stante li l-intenzjoni kienet dik li mid-data tal-firma ta' l-Att ta' Accessjoni (23 ta' Settembru 2003) sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2004 kull membru gdid kellu jdahhal fil-ligijiet tieghu disposizzjonijiet li permezz taghhom il-protezzjoni ta' SPC f' dan il-kamp setghet tigi rikjesta

permezz ta' applikazzjonijiet appoziti f' perijodu ta' sitt xhur, minhabba dik l-assenza rilevata fl-Artikolu 19a (g), l-Avviz Legali nazzjonali Numru 261/2002 ma kien baqalu ebda forza vinkolanti fil-konfront tieghu ghax il-legislatur komunitarju, skond l-Artikolu 19a (g), ma jidherx li kien jaf bih;

Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, kieku kellu jigi adottat dan l-argument, l-istess iwassal ghal konsegwenzi kemmxejn stultifikanti tal-process shih u kumpless li pajjizna, *qua* stat aspiranti ghas-shubija fl-Unjoni Ewropeja, ingarba ruhu biex jadatta l-ligijiet u r-regolamenti tieghu ghal dawk komunitarji. Ikun ifisser ukoll illi filwaqt li jkun rikonoxxut li pajjizna uniforma ruhu ghad-disposizzjonijiet tal-Council Regulations 1768/92 minn zmien qabel is-shubija formali bl-introduzzjoni ta' l-Avviz Legali numru 261/2002, xorta wahda kellu jigi kkonsidrat daqslikieku Malta dan ghadha ma ghamiltux ghax, dejjem skond ir-ragonament ta' l-appellanti *nomine*, la fl-Artikolu 19a (g) ma hemm ebda menzjoni dwaru, ossija ma ssemmiex li t-terminu utli ta' sitt xhur kien gja ezawrit, *ergo*, u *quod erat demonstrandum*, l-ezercizzju li ghamel il-legislatur Malti kien ghal kollox intempestiv u futili. Bir-rispett kollu, ebda djalettika ma tista' ssalva l-vizzju ta' dan l-argoment;

Ankorke, forsi, kien ikun ta' siwi hafna, ghall-evitar ta' kumplikazzjonijiet interpretativi, li kieku l-Awtoritajiet lokali avzaw lil dawk ta' l-Unjoni Ewropeja dwar l-aggornament li kien sar zmien qabel fil-ligi taghna fir-rigward tas-"Supplementary Protection Certificates", ikun zball kieku l-Artikolu 19a (g), mahsub proprju ghal dak l-istess aggornament, kellu jigi konsiderat minghajr ma jittiehed rigward ta' dik id-dimensjoni li tippresta attenzjoni lil vicenda storika li r-regolamenti taghna f' dan il-kamp kienu gja ankorati mas-sistema tal-ligi komunitarja. Huwa veru li, kif redatt, il-precitat artikolu donnu jaghti l-impressjoni li Malta kienet ghadha ma kkonformatx ruhha mal-Council Regulations 1768/92. Daqstant iehor pero` huwa veru wkoll illi r-realta guridika storika kienet dik li pajjizna kien

gja ta ezekuzzjoni ghal dawk l-istess Regolamenti bl-Avviz Legali tieghu. Il-problema ermenewtika insorta f' dan il-kaz ma tistax, u ma ghandhiex, fl-opinjoni tal-Qorti, tigi distakkata minn din il-kunsiderazzjoni valutativa konkreta biex tkun ristretta u cirkoskritta, fuq il-pjan testwali, ghall-kliem ta' l-Artikolu 19a (g), meta dawn ma jikkorrispondux ma' dik ir-realta` determinata u persegwenti l-addattament tal-ligijiet interni ghal dawk komunitarji. Il-vizjoni tal-problematika kienet certament tinnecessita riflessjoni aktar ampja u skond il-kanoni interpretativ tal-bon sens, u ta' dik il-logika li tipprovdi rizultat aktar preciz u univoku;

Affermat dan il-hsieb tal-Qorti, id-deliberazzjoni ulterjuri taghha twassalha, b' rikapitolazzjoni, ghal dawn l-osservazzjonijiet:-

(1) Ir-Regolamenti ta' l-Unjoni Ewropeja in diskussjoni huma provvedimenti komunitarji vinkolanti ghall-istati membri taghha in kwantu ghar-rizultat li hu mahsub li jigi milhuq, salv il-kompetenza ta' l-istat membru, in meritu, ghall-mezz u ghall-forma ta' l-attwazzjoni taghhom;

(2) Minn zmien qabel l-accessjoni ta' pajjizna f' din l-Unjoni, dawn l-istess Regolamenti, fir-rispett tal-*voluntas legislatoris* tal-kompilaturi ta' l- "*acquis comunitaire*", kienu gja gew assimilati fil-*lex fori* Malti bl-Avviz Legali 261/2002. Oggettivament, allura, dawk l-istess Regolamenti bdew mid-data preskritta fl-Avviz Legali msemmi (1 ta' Jannar 2003) jizvolgu funzjoni ghall-iskop li kien intiz minnhom li jkun persegwit fir-regolamentazzjoni tas-"Supplementary Protection Certificates" ghall-prodotti medicinali;

(3) Skond il-kriterju logiku - sistematiku l-Artikolu 19a (g) ma ghandux jigi nterpretat fil-kuntest ristrett ta' dik il-proposizzjoni normattiva imma f' kuntest ta' valutazzjoni guridika wiesgha tal-fini persegwit mill-Unjoni fil-kaz ta' stat aspiranti u ta' l-effettiva addattament tal-ligijiet ghal dawk komunitarji mill-istess stat aspiranti bhala parti mill-

ordinament guridiku ta’ pajjizu. Hekk sar fil-kaz ta’ Malta minn zmien qabel l-accessjoni formali;

Una volta din il-Qorti qed tidderimi l-kwestjoni devoluta lilha fis-sens li ssib li l-Avviz Legali 261 ta’ l-2002 kien diga` inserixxa b’ mod car u konformi r-Regolamenti Numru 1768/92 ta’ l-Unjoni Ewropeja, ma ssibx validita` fl-argument ta’ l-appellanti *nomine* illi, fil-fattispeci, il-Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali applika, kontra l-ispirtu tat-Trattat, ex-Artikolu 249, xi ligi lokali fuq dik komunitarja. Dan, *multo magis*, fejn il-wahda hi riflessjoni ta’ l-ohra u mhix kuntrarja ghaliha.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell sottomess lilha u b’ hekk tikkonferma d-decizjoni tal-Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali tal-11 ta’ Jannar 2005 li biha cahad l-applikazzjoni ta’ appellanti *nomine* ghar-registrazzjoni tas-“Supplementary Protection Certificate” tal-privattiva *de qua*. Stante in-novita` ta’ dan il-kaz, l-ispejjez gudizzjarji jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------